**Deċiżjoni tas-Sedja mogħtija mill-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia fis-Seduta 456 tal-21 ta' April 2026 dwar ilment ta' ksur ta' privileġġ fil-konfront tal-Onor. Adrian Delia**

Fis-Seduta tal-bieraħ, 20 ta' April 2026, eżattament wara l-ħin tal-Mistoqsijiet Parlamentari l-Onor. Adrian Delia talab hekk:

> "**ONOR. ADRIAN DELIA:** Sur President, nixtieq inressaq ksur ta' privileġġ, kontjenenti b'dan li ġej: nhar l-Erbgħa li għaddew mill-4.45 p.m. 'il quddiem kellna laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar il-Ħatriet Pubbliċi. Kellna quddiemna żewġ kandidati għal posts ta' ambaxxatriċi jew ambaxxatur għal pajjiżna, ċerta Roseanne Camilleri u ċertu Marco Micallef. Jien kont wieħed minn tliet membri għall-Oppożizzjoni. Kont qiegħed hemm biex nagħmel xogħli. Kont qiegħed hemm biex nistaqsi l-mistoqsijiet li deherli li huma pertinenti, relatatament biss mal-idonjetà ta' dik il-pożizzjoni.
>
> L-għada filgħodu, il-Ħamis, fl-10.41 a.m., nirċievi messaġġ mingħand ir-raġel jew is-sieħeb ta' wieħed jew waħda minnhom, li kien intitolat 'Even the devil can cite Scripture'. F'dak il-messaġġ kien hemm theddid, intimidazzjoni u sejħiet għal rikatt li jien jidhirli li jammontaw bil-kbir għal ksur ta' privileġġ. Għaldaqstant nitlob lis-Sedja li tieħu passi. Se ngħaddilek l-informazzjoni kollha."

Hawnhekk is-Sedja qalet:

> "**L-ISPEAKER:** Għaddili kollox, bil-messaġġ, min bagħtu u d-dettalji kollha."

Imbagħad l-Onor. Delia qal hekk:

> "**ONOR. ADRIAN DELIA:** Nista' ngħaddilek il-mobile nnifsu ħalli taċċerta ruħek minn dak li qed ngħid. B'dan, la jien u l-ebda Membru ieħor tal-Oppożizzjoni m'aħna se nintimidaw irwieħna minn messaġġi ta' rikatt. Però f'dan il-pajjiż irridu nifhmu li jeżisti r-rispett lejn il-Membri Parlamentari, li jridu jitħallew jagħmlu xogħolhom, u li jittieħdu l-passi u l-konsegwenzi għal dak li jkun għemil abbużiv u illegali."

Hawnhekk is-Sedja wieġbet  lill-Onor. Adrian Delia hekk:

> "**L-ISPEAKER:** Hekk se jsir. Għaddili kollox ħalli s-Sedja tieħu l-passi meħtieġa."

Is-Sedja rat il-messaġġ mibgħut lill-Onor. Adrian Delia u għandha wkoll l-informazzjoni, minn dokument li għaddielha l-istess Onor. Delia, min huwa l-individwu li bagħat dak il-messaġġ fuq WhatsApp bit-titolu 'Even the devil can cite Scripture'. Is-Sedja rat dan il-messaġġ, li jgħid hekk:

> "Ħa nċempel lil … spiċċaw għal dejjem mill-familja u ma jkellmunix aktar. Se nċempel lil … biex ngħidlu xi żball għamilt biex bħala Chairman … ħallejtu juża s-servizzi tiegħek. Se nċempel lil … (li jien Alla tiegħu aktar minnek għax kont salvajtlu lil … milli tkun estradita billi niżżluha mill-ajruplan u bagħtuha d-dar wara li bgħatt lill-Kummissarju …, anke wara li heddidni li se jarrestani – staqsi lil … li fi żmien Mintoff kien … biex jinsini u li sa jibda jidħol għax-xogħol. Se nkellem it-teams ta' … biex nagħmluha aktar faċli għalik bħala skuża biex ma toħroġx fl-elezzjoni li jmiss.

Għoddni QATT tiegħek."[1]

Is-Sedja rat l-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati, Kap. 113, u tagħmel referenza għal artikolu 11 (4) li jelenka r-reati kontra din l-istess Ordinanza, fejn subinċiż (d) u (e) jgħidu illi:

> "(d) kull min, b'forza, b'insult jew b'theddid, ifittex li jġiegħel Membru illi jiddikjara ruħu favur jew kontra proposta jew xi ħaġa li tkun għadha miexja jew li tkun sejra tinġieb quddiem il-Kamra;
> (e) kull min jibgħat ittra ta' theddid lil Membru tal-Kamra dwar id-dmirijiet tiegħu fil-Kamra"

Meta s-Sedja ssib persuna *prima facie* ħatja ta' ksur ta' privileġġ, skont l-istess artikolu 11(1) is-Sedja għandha tirreferi l-kwistjoni lill-Kumitat Permanenti dwar il-Privileġġi. Dan ifisser li l-espressjoni "*prima facie*" tfisser li l-ilment li jkun sar ikun jallega ksur ta' xi regola stabbilita b'din l-Ordinanza, jew fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra tad-Deputati, jew ta' xi riżoluzzjoni approvata mill-Kamra tad-Deputati.

Is-Sedja, wara li qrat il-messaġġ, tara b'mod ċar illi fih theddid serju fil-konfront tal-Onor. Adrian Delia u anke intimidazzjoni li jinfluwenzaw jew setgħu influwenzaw l-istess Membru fid-doveri tiegħu bħala Membru Parlamentari.

Is-Sedja tagħmel referenza wkoll għal ruling li tat fis-Seduta 436 tat-8 ta' Marzu 2021 fejn qalet hekk:

> "Is-Sedja tinnota li dawn il-provvedimenti fl-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra qegħdin hemm sabiex jiżguraw li fil-qadi tal-mandat parlamentari tagħhom, il-Membri jkunu jistgħu jaslu għal dawk id-deċiżjonijiet li huma mitluba jieħdu f'isem il-poplu, mingħajr xkiel jew xi forma ta' pressjoni. Dan allura jeħtieġ li lanqas ma għandu jkun hemm ebda xkiel jew pressjoni fuq min ikun qed jidher quddiem Membri Parlamentari sabiex jixhed jew sabiex jipprovdi informazzjoni li fuqha l-Membru se jkun qed jieħu deċiżjoni."

Is-Sedja tara li dan il-każ ċitat japplika għall-istess Membru Parlamentari li jkun qed jagħmel id-doveri tiegħu. Għalhekk is-Sedja, b'referenza għall-istess artikolu 11(4), qiegħda tiddeċiedi illi issib ħati *prima facie* ta' ksur ta' privileġġ lill-persuna li bagħat il-messaġġ lill-Onor. Adrian Delia indikata mill-Onor. Adrian Delia stess, u dan a tenur tal-istess artikolu ċitat tal-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati.

Is-Sedja qiegħda tordna lill-Iskrivan tal-Kamra sabiex tinforma lill-persuna msemmija u li bagħtet l-istess messaġġ lill-Onor. Adrian Delia, bl-eżitu tar-ruling, u f'każ li jkun hemm irtirar bla riżerva tal-kontenut kollu tal-messaġġ li ntbagħat kif indikat fid-dokument preżentat mill-istess Onor. Delia, is-Sedja tkun f'pożizzjoni li tirrevedi d-deċiżjoni tagħha.

Ir-ruling huwa deċiż.

---

[1] Ismijiet imneħħija mis-Sedja.